**ESPERTI FL-ISPIRTU**

*Diskors ta' Mons Isqof Mario Grech*
*Laqgħa għas-Saċerdoti fil-bidu tas-Sena Pastorali ġdida*
*Dar Manresa – Is-Sibt 2 ta' Ottubru 2010*

Filwaqt li fil-Knisja lokali hawn ħafna li huma sensibbli dwar l-istat tal-ġebla li biha hija mibnija l-knisja tal-ġebel, u ma tonqosx il-ħeġġa biex din il-ġebla tissebbaħ, jien aktar preokkupat dwar l-istat spiritwali u morali tan-nies taghna li huma l-veru ġebel ħaj tal-Knisja! Il-Pjan Pastorali li qed nipproponu għandu proprju dan il-għan: li naraw kif ser insebbħu dan il-ġebel ħaj u fejn hemm ħtiega nfejqu l-ġebla marida!

It-tħassib tiegħi iqanqal fija certi mistoqsijiet:

- għaliex fost hawn sinjali li jindikaw l-assenza t'Alla?
- Għaliex hawn tant reliġjożità, imma kull ma jmur qed tikber id-distanza bejn il-bniedem u Alla?
- Għaliex il-ħsieb t'Alla, imfisser fil-Kelma rivelata, qed jiġi manipulat biex ikunu sodisfatti l-ħtiġijiet individwali? Għaliex il-Kelma li naqsmu flimkien qed tingħata interpretazzjoni soċjoloġika u psikoloġika tant li qed issir impotenti biex tiġġenera dak li huwa proprju tagħha?
- Għaliex mhumiex ftit dawk li qed jiżgiċċaw minn dak li jitlob Alla kif espress fil-Kelma tiegħu?
- Għaliex l-awtorità duttrinali tal-Knisja (il-Maġisteru) flok ma titqies bħala ministeru li jattwalizza l-awtorità divina, qed tiġi kuntestata, rifjutata u injorata, sfortunatament anke minn membri mill-kleru?

Kawża ta' dan jistgħu jkunu l-metodi pastorali li qed inħaddmu jew frott ta' pjanifikazzjoni pastorali żbaljata. Imma fil-fehma tiegħi r-raġuni vera hija oħra: għax is-saċerdot huwa sprovvist kemm mill-mandat u l-awtorità ta' Alla, kif ukoll mill-esperjenza personali tal-Ispirtu! Hans Urs von Balthassar, meta jikteb dwar "Il prete che io cerco", josserva li *"mandato e autorità da Dio, uniti con l'esperienza nello Spirito: ciò lo autorizzerebbe a richiedere da me – non per sé, ma per Dio e per me – ciò che io non ho il coraggio di chiedere a me stesso. Questa è la prima qualità che dovrebbe possedere il prete che io cerco. Infatti il sacerdote dovrebbe essere colui che è delegato e dotato di autorità dall'alto, cioè da Cristo, per presentarmi la Parola incarnata di Dio, così che io sia sicuro di non ridurla ai miei scopi, di non averla anticipatamente svigorita con una mia interpretazione psicologica, esegetica e demitizzante .... Non è sufficiente che qualcuno mi metta impietosamente di fronte alle richieste della Parola, per poi lasciare che mi fermi ... Egli deve anche aiutarmi a perseverare, a non fuggire, stando costantemente accanto a me, con amore inesorabile. Tale uomo è simile, in certi momenti, all'angelo del monte degli Ulivi, che infonde forza quando si è soli con Dio. La forza con cui tale uomo fa questo deriva certamente dalla sua missione (che possiede in se stessa la forza e l'inesorabilità di Dio) ma allo stesso tempo dal suo stesso vigore che lo star con Dio in solitudine gli conferisce. Se gli manca l'esperienza, non potrebbe proclamare credibilmente la Parola di Dio neppure dal pulpito; tutt'al più potrebbe*

*essere una eco morta di quello che, della Parola di Dio, altri – per esempio Paolo – predicarono con la loro esistenza. Tanto meno sarebbe capace di accompagnare, e di sostenere, un credente nel confronto esistenziale con la Parola di Dio*" (Esistenza sacerdotale, 2010*)*.

Madwarna ninnotaw faqar uman u spiritwali, indifferenza għat-talb, imġieba antievanġelika, persuni li qed jinqatgħu mill-Knisja, skarsezza ta' lajci li lesti jimpenjaw ruħhom fil-pastorali. Quddiem dan kollu, irrid nagħmel sforz biex nifhem kif hawn din ir-realtà meta niffurmaw presbiterju djoċesan daqshekk numeruż.

Forsi huwa l-każ fil-bidu ta' din is-sena pastorali, filwaqt li nkomplu nistinkaw biex nimplimentaw il-Pjan Pastorali, naħdmu ftit fuqna nfusna u nistħarrġu jekk bħala saċerdoti, għalkemm bil-mandat minn Alla, aħniex "pneumatikoi" – dawk li nippossedu l-Ispirtu. Huma spiritwali dawk il-persuni li għandhom **esperjenza tal-Ispirtu s-Santu** u permezz tagħha huma kapaċi jagħrfu u jixegħlu fl-oħrajn l-Ispirtu li hemm moħbi, mhux magħruf u kkalzrat. Kemm sar rari dan it-tip ta' bniedem.

L-awtorizzazzjoni saċerdotali niksbuha bil-qawwa tas-sagrament tal-Ordni Sagri – dakinhar tal-ordinazzjoni l-*essere* tagħna ġie introdott fl-*essere* ta' Kristu. Huwa biss bis-sagrament, dan l-att divin li joħloqna saċerdoti f'għaqda ma' Kristu, li aħna nistgħu nwettqu l-missjoni tagħna. Għandna napprezzaw u nindukraw dan l-aspett ta**d-don tal-preċedenza (primat) tal-azzjoni divina** li aħna minn rajna ma nistgħux niksbu – dan huwa punt fundamentali għalina.

Jekk huwa hekk, is-saċerdot jeħtieġ ikun verament bniedem t'Alla, jrid jagħraf lil Alla mill-qrib u jagħrfu f'għaqda ma' Kristu.

Jeħtieġ ngħixu din il-komunjoni permezz tat-talba tal-Uffiċċju Divin u **talb** ieħor personali. L-importanza tat-talb fuq l-attività! Ma nistgħux nittraskuraw ir-Rużarju, talba Kristoloġika u Marjoloġika; il-meditazzjoni u l-eżerċizzi spiritwali. Għas-saċerdot, huwa eżempju Kristu li offra "talb u suppliki b'leħen għoli u bid-dmugħ lil dak li seta' jisimgħu" (Lq 5,7). Il-verb "offra" huwa terminu meħud minn lingwagg tal-kult u jesprimi l-att ta' offerta ta' dak kollu li huwa uman lil Alla. Kif Kristu offra t-tbatija assoċjata mal-ministeru tiegħu – meta beka fuq Ġerusalemm, meta beka għall-mewt ta' Lazzru, meta beka fil-Ġetsemani –, hekk is-saċerdot joffri lill-Missier l-inkomprensjonijiet, il-weġgħat u d-diffikultajiet pastorali. Hekk l-istess ħidma ministerjali tagħna ssir talba!

Dejjem skont l-Ittra lil-Lhud, it-talb ta' Ġesù saċerdot kien mismugħ għax kien ubbidjenti. Kienet din l-**ubbidjenza** li għenitu jilħaq il-perfezzjoni (*teleiotheis*). Nafu li fit-*Torah,* jiġifieri fil-leġiżlazzjoni kultwali, il-kelma *teleion* (perfezzjoni) tindika l-ordinazzjoni saċerdotali! Fi kliem ieħor, l-awtur tal-Ittra lil-Lhud qed jgħid illi għax obda, Ġesù sar saċerdot – irrealizza s-saċerdozju tiegħu. Għalhekk l-ordinazzjoni sagramentali tagħna ssib it-twettieq tagħha fl-ubbidjenza għar-rieda t'Alla frott ta' dixxerniment fil-Knisja!

F’dan il-kuntest kemm hija meħtieġa d-**direzzjoni spiritwali** għas-saċerdot! Nibża’ li ftit huma dawk fostna li għandhom jew ifittxu direzzjoni spiritwali serja u kontinwa. Donnu xi wħud ma jiddistingwux bejn parir okkażjonali u direzzjoni tal-ispirtu. Huwa fatt ukoll li fostna ftit huma dawk li jgħinu bid-direzzjoni spiritwali.

Il-ħbiberija ma’ Alla tissarraf f’ħajja tal-grazzja! Aħna s-saċerdoti m’aħniex biss dispensaturi tal-grazzja meta namministraw is-**sagramenti**, imma aħna wkoll għandna bżonn din il-grazzja, anke għall-aktar effikaċja apostolika. Għalhekk, filwaqt li nħalli r-riflessjoni pastorali dwar is-sagrament tal-Ewkaristija u dak tal-Penitenza għal mumenti oħra, fid-dawl tal-ħsieb li qed ninseġ nixtieq li nitħeġġu biex qabel ma nkunu amministraturi tas-sagramenti, inkunu aħna li niċċelebrawhom biex ngħixuhom.

Dwar **is-sagrament tar-Rikonċiljazzjoni**, il-Papa Benedittu XVI jirrimarka li “min l-ewwel jagħmel huwa nnifsu esperjenza tal-kobor (tiegħu) jista’ jkun ħabbar konvint u amministratur tal-ħniena t’Alla” (Diskors lill-Penitenzerija 2010). Spiss jista’ jiġri li nieħdu kunfidenza żejda ma’ dan is-sagrament u r-riskju li nittraskurawh għalina personali huwa reali ħafna. Il-familjarità żejda tista’ twassalna biex nersqu nqerru b’ċerta leġġerezza! Anke l-fatt li l-ministeru tagħna jqegħidna f’kuntatt mad-dnub ta’ ħaddieħor, tant li nsiru qisna depożitu tad-dnub tal-oħrajn, jekk ma ngħassux fuqna nfusna jista’ jnissina l-kruha tad-dnub u jiddisponina biex ngħixu mad-dnub. Il-konfessur tagħna wkoll jista jikkontribwixxi għal dan il-faqar – skont kif iqararna. Minħabba l-kunfidenza tajba ta’ bejnietna s-saċerdoti, hemm ir-riskju li l-qrara tagħna nirrenduha att ritwali – sempliċement *pro forma* – kemm min-naħa tal-penitent kif ukoll min-naħa tal-konfessur. Dan kollu jista’ jkollu effetti diżastruzi fuq il-ħajja tal-grazzja: il-preżenza tad-dnub fina tfixkel bil-qawwa l-konfigurazzjoni tagħna ma’ Kristu.

Fil-ħajja saċerdotali tagħna ma nistgħux nittolleraw imġieba li, għalkemm suġġettivament inkunu ċerti li mhix materja tad-dnub, oġġettivament tista’ tagħti lok ta’ skandlu. Dan ngħidu partikularment dwar materja li għandha x’taqsam mal-**komunjoni ekkleżjali** u maċ-**ċelibat**.

Għalhekk, jekk din is-sena qed inħeġġu lill-Poplu t’Alla biex jiskopri l-ġmiel spiritwali ta’ dan is-sagrament, l-ewwel u qabel kollox dan hu applikabbli għalina! Fost ix-xhieda li hemm bżonn nagħtu, hemm dik li aħna wkoll qegħdin f’taqbida kontra d-dnub u li aħna wkoll irridu nitħabtu biex nakkwistaw u ngħożżu l-ħajja tal-grazzja!

Imbagħad għandna l-**Ewkaristija**, li qatt m’huwa biżżejjed intennu kliem il-Konċilju li hemm bżonn nittrattawha bil-qdusija li tixirqilha. Hawnhekk mhux biss għandna f’idejna l-Ġisem u d-Demm ta’ Kristu, imma Alla qed jinqeda bina minkejja d-dgħufija tagħna biex il-ħobż u l-inbid jinbidlu fil-Ġisem u d-Demm. Anke hawnhekk nistgħu nirrelataw mal-Ewkaristija daqslikieku aħna sempliċi funzjonarji jew nies tar-ritwal biss: inqaddsu għall-oħrajn; inqaddsu biex nassiguraw manteniment. In-nuqqas ta’ tħejjija xierqa qabel il-quddiesa; il-mod diżinvolt li bih niċċelebraw; l-atteġġjamenti li jkollna immedjatament wara li nqaddsu – kollha huma indikazzjoni ta’ x’nemmnu dwar l-Ewkaristija. Nifhem li hemm wisq x’għandna naspiraw li nagħmlu biex l-azzjoni ewkaristika tagħna tkun idonea għal min hu fil-preżenza ta’ Alla, parteċipi bħala saċerdot/vittma fis-sagrifiċċju ta’ Kristu

Feddej: strument veru ta' komunjoni. Il-fatt li xi drabi aħna nqaddsu tlieta jew erbgħa quddisiet fl-istess jum, mhux biss jista' jkun abbuż mill-Ewkaristija, imma ma jgħinx biex nixxenqu għal dan il-miraklu tal-imhabba ta' Kristu u tal-Knisja.

L-Ewkaristija mhux biss tgħaqqadna ma' Kristu imma wkoll bejnietna bħala presbiterju wieħed: unità fil-Kelma li naqsmu; unità fl-azzjoni pastorali; u unità fraterna. Ewkaristija li mhix iċċelebrata f'dan il-kuntest u li ma twassalx biex tfejjaq ċerti ġrieħi bejnietna l-presbiteri, hija Ewkaristija mankanti.

Il-Pjan Pastorali ta' din is-sena jiffoka fuq **il-jum tal-Ħadd**. Dan hemm bżonn nippridkawh għalina wkoll għax għal xi wħud mis-saċerdoti l-Ħadd sar jum ta' mistrieħ, tant li jissodisfaw ruħhom bil-quddiesa biss! Jum il-Mulej huwa l-jum tal-komunità ekkleżjali. Id-dmir li jlaqqa' l-komunità fil-jum tal-Ħadd ma jagħfasx biss fuq spallejn il-kappillan waħdu, imma fuq il-presbiterju parrokkjali kollu! Mhux sewwa li anke s-saċerdorti jiddeżertaw il-knisja fil-jum tal-Ħadd!

Il-quddiesa tal-Ħadd hija okkażjoni biex infissru l-Kelma waqt l-**omelija**. Ma nistgħux naqsmu l-Kelma mal-oħrajn jekk ma nkunux ħsibna u tlabna fuqha. Tgħid wasal iż-żmien li min għandu diffikultà biex iwassal il-Kelma, jikkunsidra r-responsabiltà tiegħu quddiem il-ġemgħa liturġika u jieħu d-deċizjoni li għandu jieħu?

Għandna saċerdoti li fehmu tassew li Ġesù huwa preżenti fit-**tabernaklu** u għalhekk ifittxu li jgħaddu mumenti ta' intimità miegħu. Kemm nixtieq li dan in-numru joktor – u li tkun parti mill-orarju tagħna ta' kuljum li nagħmlu l-viżta tal-qalb lil Ġesù. Meta nittraskuraw din il-preżenza affettiva x'aktarx li nħossu l-ħtieġa ta' preżenza ta' ħaddieħor. Tkun ħafna f'waqtha jekk din is-sena bħala presbiterju parrokkjali nagħtu valur 'l-adorazzjoni flimkien ta' nhar ta' Ħamis.

Dawn kienu ftit riflessjonijiet li xtaqt naqsam magħkom kemm fid-dawl tal-Pjan Pastorali kif ukoll għax is-sitwazzjoni attwali tal-presbiterju tgħabbini b'dan id-dmir. Nitolbu biex ir-riflessjoni li qed tagħmel il-Knisja dwar dawn iż-żewġ sagramenti, l-Ewkaristija u r-Rikonċiljazzoni, tkun opportunità għalina biex qabel ma nkunu operaturi nkunu saċerdoti li nagħmlu esperjenza tal-Ispirtu, inkunu dawk li nħallu d-demm ta' Kristu mxerred għall-maħfra tad-dnubiet jaħsilna u jġeddidna. Ammen.